MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 140/2011

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Qbid bin-Numru 2978/2010 fl-ismijiet:**

**Richard Cranston (Passaport Ingliz bin-Numru 540487406)**

**Vs**

**Kenneth William Donaldson (Passaport Irlandiz bin-Numru R604691)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Kenneth William Donaldson fl-1 ta’ April 2011 permezz ta’ liema jitlob lil din il-Qorti: (i) tiddikjara li minghajr raguni valida l-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 ma giex segwit b’kawza fiz-zmien stabbilit mill-Ligi; (ii) tiddikjara li fi zmien hmistax (15) –il jum qabel ma sar il-Mandat odjern, Richard Cranston bl-ebda mod ma talbu jhallas l-ammont minnu pretiz; (iii) tordna li jinhareg il-kontro-mandat opportun fir-

rigward tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10; (iv) tordna li Richard Cranston ihallsu penali f'ammont mhux inqas minn €1,164.69 ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (v) tiddikjara li huwa garrab danni bil-hrug tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10; (vi) tillikwida d-danni hekk sofferti minnu; u (vi) tordna lil Richard Cranston ihallsu d-danni hekk likwidati;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors, senjatament fotokopja ta' l-atti tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10, a fol. 3 sa' 10 tal-process u vera kopja ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 17 ta' Awissu 2010 bin-Numru 2516/10, Dok. "KD2" a fol. 22 sa' 24 tal-process;

Rat illi l-intimat Richard Cranston ghalkemm notifikat bir-Rikors naqas milli jipprezenta Rispota entro t-terminu prefiss;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2011, fol. 16 sa' 17 tal-process;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors da parte tad-difensur tar-rikorrent u rat li r-Rikors thalla ghad-Digriet finali *in camera*.

**Ikkunsidrat:**

Bil-procedura odjerna r-rikorrent jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 ottenut kontra tieghu mill-intimat stante li l-istess Mandat ma giex segwit bil-kawza opportuna ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa in oltre jitlob li l-intimat jigi kkundannat ihallsu penali, f'ammont ta' mhux inqas minn €1,164.69, ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex kif inghad il-Mandat imsemmi ma giex segwit bil-kawza opportuna u ghaliex fi zmien 15-il jum qabel ma sar il-Mandat in kwistjoni, l-intimat bl-ebda mod ma talbu jhallas l-ammont minnu pretiz. Ir-rikorrent

jitlob ukoll li, prevja dikjarazzjoni li huwa sofra danni b'konsegwenza tal-hrug ta' l-imsemmi Mandat fil-konfront tieghu, jigu likwidati d-danni minnu sofferti u l-intimat kkundannat ihallas id-danni hekk likwidati.

L-intimat f'dawn il-proceduri ipprezenta ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrent ghall-fini li bis-sahha ta' dik il-procedura jikkanonizza l-kreditu li jippretendi li ghandu fil-konfront ta' l-istess rikorrent. Sabiex jikkawtela l-kreditu tieghu, l-intimat talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 fil-konfront tar-rikorrent ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 833A tal-Kap.12: *meta tigi prezentata u konfermata bil-gurament ittra ufficjali skont l-artikolu 166A, jistghu minnufih wara jigu prezentati u konfermati bil-gurament il-mandati kawtelatorji imsemmijin fl-artikolu 830(1)(a), (b) u (d) …*

L-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ulterjorment illi: <u>*Izda meta tigi prezentata dik l-ittra ufficjali, ir-rikorrent ghandu jipprezenta rikors guramentat jew rikors jew talba, skond il-kaz, fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tal-prezentata ta' nota ta' kontestazzjoni shiha jew parzjali jew inkella fi zmien sittin gurnata mid-data tal-hrug ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tigi l-ewwel*</u>[1]*: Izda wkoll ma jkun hemm l-ebda htiega ta' rikors guramentat jew rikors jew talba, skond il-kaz, f'kaz li l-mandat kawtelatorju jigi kkonvertit f'wiehed ezekuttiv jew jigi mnehhi permezz ta' kontro-mandat*.

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa evidenti li mandat kawtelatorju mahrug ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhal kull mandat kawtelatorju iehor <u>*ghandu validità u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunità li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f'titolu ezekuttiv … u jippermetti jesegwixxi kreditu li b'hekk ma jkollux bzonn ta' aktar kawtela*</u>[2]. B'hekk kemm-il darba t-termini stabbiliti fl-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 833A tal-

[1] Enfasi tal-Qorti.
[2] Carmela Aquilina v. Francis X. Aquilina, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Novembru 1991. Enfasi tal-Qorti.

Kap.12 tal-Ligijet ta' Malta, il-wiehed jew l-iehor skond il-kaz, jghaddu minghajr ma l-kreditur jintavola l-azzjoni civili opportuna fil-konfront tad-debitur, kif ir-rikorrent jikkontendi li gara f'dan il-kaz, allura wahda mill-htigjiet tal-Ligi ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju tkun giet nieqsa u a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta dak il-mandat ma jkunx jista' jibqa fis-sehh.

Fir-Rikors odjern ir-rikorrent isostni li in segwitu ghall-hrug tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 kontra tieghu, l-intimat ma intavola ebda azzjoni civili kontrih entro t-terminu u bil-mod kif previst fl-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana ghalkemm l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet datata 17 ta' Awissu 2010 bin-Numru 2516/10 baqghet ma gietx notifikata lilu.

Mill-atti processwali, u senjatament mill-provi prodotti mir-rikorrent, jirrizulta li l-intimat ipprezenta l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-**17 ta' Awissu 2010**. Jirrizulta wkoll li din l-ittra ghadha ma gietx notifikata lir-rikorrent u konsegwentement ghadha ma gietx rez ezekuttiva ai termini tal-Ligi[3]. Il-Mandat ta' Qbid kawtelatorju bin-Numru 2978/10 inhareg fil-konfront tar-rikorrent fl-**20 ta' Awissu 2010**[4] u gie esegwit f'**Marzu 2011** ghalkemm, kif jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrent, sa' dak iz-zmien kienet ghadha ma giet intavolata ebda azzjoni civili fil-konfront tieghu kif previst fl-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2011 ir-rikorrent xehed illi: *I was never notified either officially or unofficially of any claim against me by Richard Cranston specifically a claim for payment of money. … <u>On being asked whether I am aware of any proceedings following the issue of the warrant, I can confirm that I only am aware of the warrant due to the fact that I was informed that officials were in the</u>*

[3] Dok. "KD2" a fol. 22 sa' 24 tal-process.
[4] Atti tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10, a fol. 3 sa' 10 tal-process.

*office. I am not aware of any further proceedings following the said warrant*[5]*.*

Ix-xhieda tar-rikorrent ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-intimat li ma ipprezenta ebda Risposta ghar-Rikors odjern, u fic-cirkostanzi l-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex tqis li dak dikjarat mir-rikorrent huwa minnu.

Stabbilit ghalhekk illi fi zmien sittin gurnata mill-hrug tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 fil-konfront tar-rikorrent, l-intimat ma intavolax l-azzjoni civili opportuna fil-konfront ta' l-istess rikorrent kif previst fl-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jsegwi li wahda mill-htigijiet tal-Ligi ghall-hrug ta' dak il-Mandat giet nieqsa u konsegwentement ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess Mandat ma ghandux jibqa' fis-sehh izda ghandu jigi revokat.

Apparte r-revoka tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 u l-hrug tal-Kontro-Mandat relattiv, ir-rikorrent jitlob li l-intimat jigi kkundannat ihallsu penali f'ammont ta' mhux inqas minn €1,164.69 ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li jigi kkundannat ihallsu wkoll id-danni minnu sofferti b'konsegwenza tal-hrug ta' l-imsemmi Mandat fil-konfront tieghu.

L-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin: (a) jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi; (b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi*

---

[5] Seduta tas-16 ta' Mejju 2011. Enfasi tal-Qorti.

*zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizzejjed: Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jinwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat; (c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu u dwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew; (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja*.

Kif già iktar 'l fuq osservat l-intimat ma pprezentax Risposta ghar-Rikors odjern u ghalhekk naqas milli debitament jiggustifika l-azzjonijiet tieghu fil-konfront tar-rikorrent u r-raguni ghalfejn ma intavolax l-azzjoni civili opportuna fil-konfront tar-rikorrent entro t-terminu prefiss fl-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda halla t-terminu ta' sittin gurnata mill-hrug tal-Mandat ta' Qbid jiddekorri inutilment. Fil-kaz in ezami ghalhekk il-Qorti tqis li ma tirrizulta ebda raguni valida ghalfejn l-intimat ma intavolax l-azzjoni civili opportuna entro t-terminu lilu prefiss mill-Ligi.

Ir-rikorrent jikkontendi wkoll li fi zmien hmistax-il gurnata qabel ma gie pprezentat ir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju fil-konfront tieghu, l-intimat ma interpellahx biex ihallas il-kreditu li jippretendi li ghandu fil-konfront tieghu. F'dan ir-rigward ir-rikorrent xehed illi *I was never notified either officially or unofficially of any claim against me by Richard Cranston specifically a cliam for the payment of money*[6]. Peress illi dak dikjarat mir-rikorrent ma giex kontradett mill-intimat, hawn ukoll il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhix tqis dak dikjarat mir-rikorrent bhala li huwa minnu.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex l-intimat jigi kkundannat ihallas penali ta' €1,164.69 lir-rikorrent, ai termini ta' l-Artikolu

[6] Xhieda moghtija mir-rikorrent waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2011, fol. 16 u 17 tal-process.

836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-penali giet imposta fil-*minimum* taghha fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ser isiru iktar 'il quddiem f'dan id-Digriet dwar it-talba tar-rikorrent biex l-intimat jigi kkundannat ihallsu d-danni minnu sofferti b'konsegwenza tal-hrug tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 fil-konfront tieghu.

L-Artikolu 836(9) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkudanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f'kawzi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta' din l-azzjoni*.

Ghalkemm il-kundanna ghall-hlas tad-danni sofferti mid-debitur li kontra tieghu inhareg Mandat kawtelatorju hija marbuta mal-kazijiet elenkati fis-subartikolu (8) ta' l-Aritkolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom il-kaz li l-kreditur, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-Ligi, jew li fi zmien hmistax-il gurnata qabel it-talba ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju ma jkunx interpella lid-debitur ghall-hlas, id-debitur li jitlob il-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna hlas tad-danni ghandu jipprova b'mod sodisfacenti d-danni minnu effettivament sofferti bil-hrug tal-mandat kawtelatorju kontra tieghu. Fin-nuqqas ta' tali prova, ghad illi l-Qorti tista' ssib li jissussitu wiehed jew iktar mill-kazijiet elenkati fl-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talba ghall-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna hlas tad-danni ma tistax tigi milqugha[7].

Fil-kaz in ezami r-rikorrent mhux talli ma gabx prova tad-danni minnu allegatament sofferti b'konsegwenza tal-hrug

---

[7] Visual and Sound Communications Ltd. v. Mario Camilleri et, Citaz. Nru. 1509/97RCP deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2002; Vincent Mercieca v. George Galea, Citaz. Nru. 745/95RCP deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2001.

tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju bin-Numru 2978/10 fil-konfront tieghu, talli espressament iddikjara li *I did not suffer any financial losses because of the issue of this warrant; it is just the legal fees which I had to incur in order to institute these proceedings and to speak to my lawyer*.

Fic-cirkostanzi ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghall-likwidazzjoni tad-danni u konsegwenti kundanna ta’ l-intimat biex ihallas id-danni hekk likwidati, ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent u tiddikjara li minghajr raguni valida l-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju bin-Numru 2978/10 ma giex segwit b’kawza fiz-zmien stabbilit mill-Ligi u li fi zmien hmistax-il jum qabel ma ntalab il-hrug tal-Mandat imsemmi l-intimat bl-ebda mod ma interpella lir-rikorrent biex ihallas l-ammont minnu pretiz, tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrent u filwaqt li tirrevoka l-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju bin-Numru 2978/10, tordna l-hrug tal-Kontro-Mandat opportun, tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent penali fl-ammont ta’ €1,164.69, u tichda il-hames, is-sitt u s-seba’ talbiet tar-rikorrenti in kwantu ma gewx sufficjentement pruvati.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-intimat Richard Cranston.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------